*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 13,546, 24 ta' Ottubru, 1978*
*Taqsima C*

# Nru. 75

24. 10. 78

## MALTA

### KAMRA TAD-DEPUTATI

ABBOZZ ta' Liġi mressaq mill-Onorevoli Joseph Cassar, M.P., Ministru tal-Ġustizzja, Artijiet, Djar u Affarijiet tal-Parlament u moqri għall-Ewwel darba fis-Seduta tad-19 ta' Ġunju, 1978.

**ATT biex jemenda l-Att ta' l-1976 dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern.**

C. Mifsud
*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*

### HOUSE OF REPRESENTATIVES

A BILL introduced by the Honourable Joseph Cassar, M.P., Minister of Justice, Lands, Housing and Parliamentary Affairs and read the First time at the Sitting of the 19th June, 1978.

**AN ACT to amend the Disposal of Government Land Act, 1976.**

C. Mifsud
*Clerk to the House of Representatives*

# ABBOZZ TA' LIĠI

## msejjaħ

*ATT biex jemenda l-Att ta' l-1976 dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern.*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

Titolu fil-qosor.

**1.** Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1978 li jemenda l-Att dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern, u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att ta' l-1976 dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali".

Emenda ta' l-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali.

**2.** L-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali għandu jkollu effett u għandu jitqies li dejjem kellu effett daqslikieku fit-tifsira ta' "trasferiment" minflok il-kliem "f'xi art jew fuqha;" kien hemm sostitwiti l-kliem "f'xi art jew fuqha, iżda, barra, kull tiġdid ta' xi kirja, *encroachment* jew jedd ieħor għal użu bħal dawk, sew jekk taċitu jew espress u sew jekk bl-istess pattijiet u kondizzjonijiet u sew jekk dawn ikunu ġodda;".

Emenda ta' l-artikolu 3 ta' l-Att prinċipali.

**3.** Is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 3 ta' l-Att prinċipali għandu jkollu effett u għandu jitqies li dejjem kellu effett daqslikieku:

(a) fil-proviso għall-paragrafu (d) tiegħu, minflok il-kliem "jew xi korp magħqud ieħor imwaqqaf b'liġi;" kien hemm sostitwiti l-kliem "jew xi korp magħqud ieħor imwaqqaf b'liġi; jew", u

(b) minnufih wara l-paragrafu (d) tiegħu għandu jiżdied il-paragrafu ġdid li ġej:

"(e) skond xi liġi oħra li għal dak iż-żmien tkun fis-seħħ.".

---

## Għanijiet u Raġunijiet

L-Għan ta' dan l-Abbozz huwa li jiċċara t-tifsira ta' trasferiment dwar art tal-gvern u li jeskludi mill-applikazzjoni tal-liġi trasferimenti li diġà huma regolati b'liġijiet oħra.

# A BILL

## entitled

*AN ACT to amend the Disposal of Government Land Act, 1976.*

BE IT ENACTED by the President, by and with the advice and consent of the House of Representatives, in this present Parliament assembled, and by the authority of the same, as follows:—

Short title.

1. This Act may be cited as the Disposal of Government Land (Amendment) Act, 1978 and shall be read and construed as one with the Disposal of Government Land Act, 1976, hereinafter referred to as "the principal Act".

Amendment of section 2 of the principal Act.

2. Section 2 of the principal Act shall have effect and shall be deemed to have always had effect as if in the definition of "disposal" for the words "in or over any land;" there were substituted the words "in or over any land, excluding, however, any renewal of any such lease, encroachment or other right of use, whether tacit or express and whether on the same or on new terms and conditions;".

Amendment of section 3 of the principal Act.

3. Subsection (1) of section 3 of the principal Act shall have effect and shall be deemed to have always had effect as if:

(a) in the proviso to paragraph (d) thereof, for the words "or of another body corporate established by law;" there were substituted the words "or of another body corporate established by law; or", and

(b) immediately after paragraph (d) thereof there were added the following new paragraph:

"(e) in accordance with any other law for the time being in force.".

---

## Objects and Reasons

The Object of this Bill is to clarify the meaning of disposal in relation to government land and to exclude from the operation of the law disposals which are already regulated by other laws.

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni — *Published by the Department of Information*
Stampat fl-U.C.S. — Stamperija tal-Gvern — *Printed at the C.O.S. — Government Printing Press*
Prezz 1c — *Price 1c*